

Brussell, 29 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12155/23

CES 41

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri, propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittri¹ datati 5 u 30 ta' Mejju 2023, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Ronny LANNOO u tas-Sur Raymond COUMONT rispettivament, membri tal-KESE.
2. Permezz ta' ittri² datati 3 u 12 ta' Lulju 2023, il-Gvern Belġjan ippropona lis-Sur Luc HENDRICKX, *Director Enterprise Policy & External Relations SMEunited* (Direttur tal-Politika tal-Intrapriżi u r-Relazzjonijiet Esterni ta' SMEunited), u s-Sur Claude ROLIN, *Confederation of Christian Trade Unions of Belgium (ACV-CSC)* (Konfederazzjoni ta' Trade Unions Insara tal-Belġju (ACV-CSC)), għall-ħatra bħala membri tal-KESE għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.
3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-KESE wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

¹ 9343/23, 10221/23.

² 11549/23, 12077/23.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomini fl-14 u s-27 ta' Lulju 2023 u tat opinjoni favorevoli fit-12 ta' Settembru 2023³.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 12150/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

³ C(2023) 6033.